**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

**Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Seduta ta’ nhar it-Tnejn 3 ta’ Dicembru 2001

Citazzjoni numru 1484/93 JM

Kawza numru 4

Victor Soler bhala direttur u in rappresentanzata’ Auto Sales Limited

Vs

Brian Woolner

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fil-25 ta’ Novembru 1993 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta li s-socjeta’ attrici ghamlet xogholijiet fuq il-karozza tal-konvenut u forniet materjal ghall-istess karozza, li dettalji taghha jinsabu fl-invoice anness markat Dok. A; u billi s-socjeta’ attrici hi kreditrici tal-konvenut fis-somma ta’ LM665.45 kif jirrizulta mill-istess invoice ghal xogholijiet u materjal; u billi l-konvenut naqas jhallas ghalkemm interpellat; talab li din l-Qorti:-

1. tikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u hamsa u sittin lira maltin u hamsa u erbghin centezimu (LM665.45) ghal xogholijiet u materjal fuq il-karozza tal-konvenut skond invoice Dok A.

Bl-ispejjes u l-interessi legali. Il-konvenut mharrek ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-attur u d-dokument minnu ezebit.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fl-14 ta' Marzu 1994 li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi l-azzjoni attrici hija preskritta ghall-finijiet u effetti ta' l-artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili ta' Malta (Kap 16).
2. Fil-mertu l-ammont pretiz mill-attur nomine la huwa korrett u lanqas dovut mill-eccipjenti, peress illi x-xogholijiet maghmula mis-socjeta' attrici fuq il-vettura tal-eccipjent f'Settembru tal-1991 kienu ghal kollox difettuzi u dan minbarra l-fatt li s-socjeta' attrici zammet ghal zmien twil u b'mod abbuziv il-karozza tal-eccipjent fil-pussess taghha u arrekat dannu fiha lill-istess eccipjenti.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat is-sentenza taghha tad-29 ta' Mejju 1995 meta l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni giet michuda.

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Gunju 1995 meta gie mahtur Joseph Zammit bhala espert tekniku sabiex jirrelata dwar l-aspett tekniku tal-kwistjoni in vista tat-tieni eccezzjoni tal-konvenut.

Rat id-diversi differimenti u l-ordnijiet tal-Qorti sabiex l-inkarigu tal-espert jigi espletat izda kull tentattiv biex jsir dan gie frustrat billi l-konvenut qatt ma attenda ghall-accessi ordnati mill-Qorti u b'hekk ma setghax jigi verifikat jekk l-eccezzjoni tal-konvenut kienetx gustifikata.

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Lulju 2001 meta l-Perit tekniku giet ordnat jirritorna l-process fir-registru, liema digriet gie motifikat lill-konvenut.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-8 ta' Ottubru 2001 meta, wara li l-konvenut rega ma deherx, il-kawza giet imhollija ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghas-seduta tal-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkusnidrat:-

Mill-provi jirrizulta li l-vettura numru 891 Z 4942, proprjeta' tal-konvenut kienet iddahhlet fil-garage tas-socjeta' attrici fl-10 ta' Settembru 1991 sabiex jsir "service" normali fuqha billi jinbidel iz-zejt, li sparking plugs u l-oil filter. Din reget giet kkonsenjata lill-konvenut li naturalment, ghalkemm ma jirrizultax, hallas ghax-xogholijiet u materjal provdut.

Fl-10 ta' Jannar 1992 l-vettura tal-konevnut reget iddahlet fil-garage tas-socjeta' attrici wara li din zviluppat hsarat konsiderevoli minhabba xi difetti fit-"timing chain". Sar ix-xogholijiet fuq l-vettura izda l-konvenut irrifjuta li jhallas l-ispejjes konnessi ma dawn ix-xogholijiet billi kien qed isostni li dawn kienu necessitati minhabba xoghol difettuz li kien sar meta l-vettura dahlet ghas-service. Is-socjeta' attrici, ghalhekk, wara diversi

tentattivi biex jintlahaq ftehim ppresentat dawn il-proceduri fejn qed titlob li l-konvenut jigi kundannat jhallas l-ammont imsemmi fic-citazzjoni.

Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar l-ammont reklamat tant hu hekk li b'ittra tal-4 ta' Settembru 1992 tal-konvenut indirizzata lis-socjeta' attrici ossia lill-Kinds Ltd. li hija parti mill-istess stabbiliment, il-konvenut kien obbliga ruhu li jhallas l-ammont indikat fic-citazzjoni kemm-il darba l-proceduri li kellu jiehu huwa stess jkollhom ezitu favur s-socjeta' attrici. In effetti ma jirrizultax li l-konvenut istitwixxa xi proceduri izda donnu strah fuq il-proceduri odjerni biex jirrezisti l-hlas. Kien ghalhekk jispetta lill-konvenut li jressaq dawk l-provi kollha in sostenn tal-eccezzjoni tieghu. Dan ma ghamlux u ghalhekk din l-eccezzjoni ma tidhirx gustifikata u ghandha tigi michuda.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija hamsa u sittin lira maltin hamsa u erbghin centezimu (LM665.45) bl-imghax legali mis-6 ta' Novembru 1992.

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut.

Onor Imhallef Albert J. Magri